

---

Il-Ħamis 28 ta' April 2016

P8\_TA(2016)0140

**Konvenzjoni fuq assistenza reċiproka u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali (adeżjoni tal-Kroazja) \***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997, magħmula fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq assistenza reċiproka u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali (COM(2015)0556 – C8-0376/2015 – 2015/0261(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 066/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2015)0556),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C8-0376/2015),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0054/2016),
    1. Japrova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;
    2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
    3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
    4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-